MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 829/2009

**Eugenio Lama**

**vs**

**Dr. Anthony Farrugia LL.D. u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2010 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Allegro Andante Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Eugenio Lama (ID. 382184(M)) datata 25 ta' Awwissu 1999 ipprezentat quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn espona: -

Illi l-attur kien ghamel zmien impjegat mal-konvenut bhala *chef* fil-fond restaurant Allegro Andante, San Giljan.

Illi f'April 2009 l-impjieg tal-attur gie terminat.

Illi fil-frattemp l-attur sar jaf illi l-konvenut ma kienx hallas ammont konsiderevoli ta' bolol lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u b'hekk l-attur sofra danni.

Illi l-konvenut naqas ukoll illi jhallas xi arretrati ta' pagi tal-attur u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara illi l-konvenut ma kienx hallas ammont konsiderevoli ta' bolol lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u b'hekk l-attur sofra danni.

2. Tiddikjara illi l-attur ghad fadallu jithallas arretrati ta' pagi minghand il-konvenuti.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u l-arretrati ta' paga dovuti lilu.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2009.

Rat ir-risposta tal-intimat datata 30 ta’ Novembru 2009 (fol 9) fejn bil-gurament ikkonferma: -

1. Illi mhux minnu li r-rikorrent kien impjegat mal-esponent;

2. Illi r-rikorrent ma sofra l-ebda danni imputabbli lill-esponent.

3. Illi minghajr pregudizzju in kwantu li hemm talba attrici ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas ta' arretrati ta' paga, din

ghandha tigi respinta ghaliex talba ta' din in-natura ma tikkonsistix f'ammont "da liquidarsi", kif jintalab fir-rikors promotur.

Salvi ecezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors ta' Eugenio Lama datata 25 ta' Marzu 2010 (fol 63) fejn talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-kjamat fil-kawza lil Allegro Andante Limited (C 24105) u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn inghata provediment: -

*"Il-Qorti:*

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-intimat datata 19 ta' April 2010 in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz,* ***tilqa' t-talba tal-attur fir-rikors tieghu datat 25 ta' Marzu 2010 ghall-kjamata in kawza tas-socjeta' Allegro Andante Limited*** *u tordna l-kjamata in kawza tal-istess socjeta' Allegro Andante Limited u tordna li l-atti jigu notifikati lill-istess kjamata fil-kawza a spejjez provizorjament tal-istess attur. Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni huma a karigu tal-attur."*

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2012 fejn gie verbalizzat li *"Meta ssejhet il-kawza deher Dr David Camilleri, ghall-attur prezenti. Anke minhabba l-kwistjoni ta' preskrizzjoni li tista' tigi sollevata, ceda l-kawza fil-konfront tal-kjamat fil-kawza u pprezenta nota f'dan is-sens."*

Rat in-Nota ta' cessjoni imsemmija (fol. 92).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-21 ta' Marzu 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 17 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. David Camilleri. Il-konvenut imsejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Fic-cirkostanzi l-Qorti tal-fehma li jkun ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizza li l-partijiet jinghataw l-opportunita` li jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet. Il-Qorti ghalhekk okkordat mal-attur sat-30 ta’ April 2013 ghal dan l-iskop bil-*visto* tal-kontro-parti li jkollu sal-31 ta’ Mejju 2013 biex jipprezenta r-risposta tieghu wkoll bil-*visto* tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Gunju 2013 fil-11:00am ghall-prezentata noti u trattazzjoni finali.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Eugenio Lama datata 30 ta’ April 2013 a fol 120 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. David Camilleri u deher il-konvenut Dr. Anthony P Farrugia. Dr. Farrugia talab zmien biex jipprezenta nota responsiva u d-difensur tal-attur ma opponiex. Il-Qorti rat l-Art 165 tal-Kap 12 u laqghet it-talba u awtorizzat lill-konvenut biex jipprezenta n-nota bil-*visto* tal-kontro-parti sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Lulju 2013, u ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza ghad-19 ta’ Novembru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob li jigu likwidati *in linea* ta' danni l-ammonti li l-intimat naqas li jhallas f'kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali waqt li l-attur kien impjegat mieghu kif ukoll arretrati ta' paga dovuti, u konsegwentement qed jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallsu l-ammont li jigi hekk likwidat.

Illi l-intimat Dr. Anthony Farrugia, laqgha ghal dawn it-talbiet fil-mertu billi jghid li l-attur mhuwiex impjegat mieghu; li l-attur ma sofra l-ebda danni, u, *inoltre* u minghajr pregudizzju, it-talba kif dedotta hija ammissibbli peress li talba ghall-hlas ta' arretrati ta' paga ma tikkonsistix f'ammont '*da liquidarsi'* kif qed jintalab fir-rikors promotur.

Ikkonsidrat li b'digriet datat il-hdax (11) ta' Novembru 2010[1] moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta l-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` *Allegro Andante Limited.*

Madanakollu l-istess attur sussegwentement ceda t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjeta` kjamata *Allegro Andante Limited* quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Jannar 2012 (fol.91 tal-process).

Ghalhekk l-ewwel konstatazzjoni li ghandha taghmel il-Qorti hija jekk bejn l-attur u l-konvenut kienx hemm relazzjoni guridika naxxenti minn kuntratt ta' impieg.

**Provi Prodotti**

Xehed l-attur **Eugenio Lama**[2] li qal li kien beda jahdem mal-intimat Dr. Anthony Farrugia fuq bazi *part time* bhala *chef* fir-*restaurant Allegro Andante* fis-sena 2005. F'Marzu 2006 gie tterminat l-impieg tieghu u rega' rrimprenda l-impieg fit-3 ta' Awwissu 2006.

Hu kellu paga ta' Lm3 fis-siegha li saret imbaghad €7 fis-siegha u kien jahdem kwazi sittax-il siegha kuljum. Din il-paga kienet netta fis-sens li l-bolol u t-taxxa jhallashom l-intimat Dr. Farrugia. L-attur qal li kien jiftah ir-*restaurant* fid-9.00am u jibqa' hemm gieli sal-11.00pm jew sa nofs il-lejl meta kien ikun hemm xi *party* jew kien jibqa' miftuh il-*wine bar Grigio.*

---

[1] A fol. 65-79 tal-process
[2] Affidavit a fol. 14 tal-process.

Beda jinduna li l-intimat ma kienx qed ilahhaq bil-pagi ghaliex kien beda jhallsu bin-nifs, u dejjem b'lura u bin-nieqes. Hu offrielu biex jghinu billi jithallas ta' 12-il siegha kuljum jahdem kemm jahdem, izda lanqas ma' dan kien qed ilahhaq. Skont ix-xhud qatt ma nghata *payslips* u kien jithallas bi flus kontanti.

Hu kkalkula li l-ammont dovut lilu hu ta' €13,646.

Hi qal li tkecca mill-impieg tieghu u f'dak il-jum l-intimat Dr. Farrugia ghaddielu zewg *cheques* iggirati **(Dok. A4 u A5)** liema ammonti huma mnaqqsin mic-cifra li qed jitlob.

Gie ukoll informat mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li ma thallsux il-bolol u t-taxxa sakemm dam impjegat mal-intimat kemm ghall-perjodu Mejju 2005 sa Marzu 2006 kif ukoll bejn Awwissu 2007 sa April 2009. Minhabba f'dan meta applika ghall-pensjoni ircieva pensjoni b'rata imnaqqsa peress li ma ssoddisfax il-*contribution requirement.*

In sostenn tat-tezi tieghu esebixxa rendikont tas-sieghat li hadem u l-pagamenti akkont li jinkludu wkoll *statements* mahrugin mill-*computer* tal-intimat Dr. Farrugia **(Dokti A1-A3)**.

Esebixxa wkoll *statement* mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali **(Dok. A6)** u *employment history* mahrug mill-ETC li juri li kien impjegat ma' *Allegro Andante Limited* mill-16/5/2005 sa 31/3/2006 u mit-3/8/2007 sa 15/4/2007 (fol.49).

Xehed il-konvenut **Dr. Anthony Farrugia**[3] u qal li l-attur kellu problema tal-loghob u ghalhekk impjegah *part time* ghal bidu peress li l-persuna li kienet introduciethom, Oliver Agius, kien wissih biex jaghmel hekk ghall-ahjar sigurta' tal-kumpanija.

[3] Xhieda a fol. 98

Fl-ewwel perjodu ta' l-impieg mieghu, l-attur kien qabad u telaq. Sar jaf li l-attur kien qed jghid man-nies li ma kienx thallas filwaqt li x-xhud sostna li kien thallas iz-zejjed.

Sussegwentement sar jaf li l-attur kellu problemi familjari u kien sahansitra qed jorqod fil-karrozza tieghu u offrielu li juza l-ispazju fuq ir-*restaurant* biex jorqod hemm u seta' anke jiekol fir-*restaurant*.

Qal li "*kien miftiehem bejnietna ...kien jidderigini li nhallas direttament in kontanti kredituri tieghu li kienu jigu personalment sabiex jithallsu r-restaurant. In partikolari ragel pjuttost avvanzat fl-eta` kemm-il darba sibtu fir-restaurant meta kont ninzel nittawwal jiena, qed jiekol platt 'on the house' li kien jippreparalu Lama stess.*"

Meta telaq l-ewwel darba l-konvenut tah rendikont tal-hlasijiet li kien rcieva matul l-ewwel impieg flimkien ma' karti ohra li kellu bzonn biex jahdem x'imkien iehor, cioe` *termination form* tal-ETC u dokumentazzjoni dwar l-FSS. Qal li kien jirregistra kull hlas li tah. Hu ma kienx izomm ir-*records* tal-kumpanija. L-informazzjoni kienet tingabar mis-segretarja tieghu li kienet tahdem *part time* fir-*restaurant* ukoll u kienet din li hargitlu r-rendikont.

Kien fuq talba tal-istess attur li rega' dahal jahdem fir-*restaurant* fejn kellu rwol taht sorveljanza ta' haddiehor. Dak iz-zmien kellu *full time manager*. "*Il-hlasijiet kienu regolati bl-istess mod u Eugenio Lama kien jircievi pay slips u FS3 forms bhalma kienu jircievu l-ohrajn izda rrid nistqarr ghal finijiet ta' verita' kollha li huwa minnu li l-kumpanija kellha diffikolta' amministrattivi li kont qed nipprova nsolvihom. Izda dan ha tul ta' zmien u allura d-dokumentazzjoni xi kultant kienet tkun tardiva*."

Qal ukoll li l-attur "*ma seta' qatt kellu dubju li l-impieg tieghu kien mas-socjeta' Allegro Andante Limited u mhux mieghi personali. Kien jaf l-istorja mill-bidu sal-ahhar dwar kif inbdiet il-kumpanija flimkien ma' persuni ohra li mbaghad cediet sehemha, u dan apparti mill-fattur ovvju li kien rikjest almenu erba' darbiet li jiffirma formuli tal-bidu u tmiem tal-impieg u kien jircievi bhal haddiehor rendikonti*

*essenzjali ghal kull impjegat ghal skopijiet ta' taxxa. Fil-bidu ta' kull sena l-impjegati kollha kienu jaghmlu pressjoni fuqi, s-segretarju u l-accountant biex jinhargu l-FS3 forms bir-rendikonti tad-dhul ta' kull wiehed u min fejn jirrizulta b'mod car min kien l-employer."*

Waqt it-tieni impieg tieghu beda jinnota li l-attur rega' beda jilghab u kien jitolbu minn Lm30 sa Lm50 biex jilghabhom fis-*Super 5.*

Spicca li kellu jittermina l-impieg tal-*manager* minhabba dissidju u ppropona li l-attur jidhol f'dan l-inkarigu. Qal li Lama kien iqatta' hafna hin fir-*restaurant* ghalkemm ma baqax jorqod hemm, kemm qabel u wara l-hinijiet tax-xoghol. Dan iz-zmien kien jghaddih jitkellem mas-sajjieda jaghtihom it-te ghalkemm ma eskludiex li kien anke johrog l-imwejjed u s-siggijiet tar-*restaurant*, li skont l-intimat kien ikun xohgol ta' kwarta. Huma kellhom relazzjonijiet tajbin dak iz-zmien u ma kienx ikellmu ghaliex kien jidher li ma kellux fejn imur aktar.

Madanakollu kien kellmu fis-sens li kien ser jithallas biss ghax-xoghol fil-perjodu effettiv tar-*restaurant* li ma kienx jeccedi aktar minn hamsin (50) siegha fil-gimgha u l-attur assikurah li kien kuntent jghaddi z-zmien fir-*restaurant* u ma kellux ragunijiet biex ikun band'ohra.

Waqt x-xoghlijiet fuq il-*promenade* ta' San Giljan, li damu xi 6 xhur, qal li l-attur, li kellu c-cwievet tar-*restaurant*, kien jiftah kmieni biex jaghti t-te lill-haddiema tal-Gvern u kellu kemm-il darba jispjegalu li l-kumpanija ma felhitx thallas l-ispejjez zejda u ma riedux jaghmel sieghat ta’ xoghol iktar milli kien hemm bzonn. Dan specjalment peress li x-xoghol mar-lura f'dan iz-zmien meta x-xoghlijiet holqu ostakolu fil-passagg. Baqa' jirregistra sieghat twal meta ma kienx hemm xoghol li jsir. L-attur qallu li ma kellux jaghti kaz tas-sieghat li kien qed inizzel ghax dan kien qed jaghmlu biex juri x'kontribut kbir kien qed jaghti lill-membri l-ohra tal-i*staff*.

Difatti inqala' dizgwid mal-i*staff* peress li t-*tips* kienu jinqassmu skont is-sieghat ta' xoghol u l-attur kien qed

jinsisti li kien ikun haqqu tas-sieghat kollha registrati. *Inoltre* l-i*staff* ukoll oggezzjonaw ghaliex kienu jnizzlu il-hin tad-dhul u hrug taghhom mentri ma kienx hemm metodu kif jitnizzel dak li genwinament kien qed jahdem l-attur.

Hu qal "*li ma hemm l-ebda mezz li jiena nista' nikkontrolla d-dokumenti li gew ipprezentati minn Eugenio Lama..partikolarment ghaliex id-dokumenti ma jaghmlu ebda referenza ghalih jew ghas-sistema li kienet tahdem is-sieghat reali tieghu."*

Innota li d-dokumenti esebiti m'humiex iffirmati minnu u qal "*wara li telaq Eugenio Lama ghamilna l-kontijiet ta' dak li seta' kien dovut lilu, u nstab li kien hemm differenzi zghar u jien kont ghamilt hlasijiet sabiex naghlaq din il-pendenza. Dawn il-hlasijiet saru b'mod rateali fuq medda ta' tlieta jew erba' xhur, permezz ta' akkont inugwali. Il-kwadru ezatt tas-sieghat li gew rikonoxxuti bhala genwinament mahduma kienu nhaddmu mill-acocuntant tal-kumpanija u fil-fatt Eugenio Lama nghata dokumenti fiskali bhal FS3 u FS5 sabiex jissostanzja l-istess."*

*"F'ebda mument qatt kien hemm arrangament bejn Eugenio Lama u mieghi f'kapacita` ghajr dik ghan-nom tal-kumpanija."*

**In-kontro-ezami** xehed li ma setax jikkonferma li d-dokumenti a fol.25 sa 27 kienu *print outs* mill-*computer tieghu.*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-Qorti ser tindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe', li mhux minnu li l-attur kien impjegat mieghu personalment peress li kien impjegat mas-socjeta` *Allegro Andante Limited.*

**L-Art. 998 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:**

"998. *Ghandu jitqies illi wiehed wiehed jew ftiehem ghalih innifsu, ghall-werrieta tieghu, u ghal dawk illi minnu gejjin*

*il-jeddijiet taghhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim*."

Issa, kif irriteniet il-Qorti (Imh. R. C. Pace fil-kawza "***Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono***" (21 ta' Marzu 2002):

*"... illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabbilta' limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha."*

Dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet "***Charles O' Flaherty noe vs Joseph Micallef***" (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, inghad *"Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa ndika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe vs Charles Scicluna**" (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun* <u>*ragonevolment*</u> *jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi jirrizulta mid-dokument esebit mill-attur dwar l-*employment history* tieghu mahrug mill-ETC (fol 49) li kien impjega ruhu darbtejn u cioe` mis-16/5/2005 sal-31/3/2006 u fit-3/8/2007 sal-15/4/2009. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-*employer* tieghu fiz-zewg

okkazzjonijiet hu registrat bl-isem *Allegro Andante Ltd. (75697).*

Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mill-istess attur, li qed jitlob il-hlas tal-paga li jghid li ghadha dovuta lilu ghat-tieni perjodu tal-impieg tieghu in kwantu li l-prospetti esebiti a fol 16-45 jelenkaw is-sieghat ta' xoghol u hlasijiet akkont li jghid li saru minn Dicembru 2007 u 30/4/2009.

Fil-kaz odjern, ebda wiehed mill-partijiet ma esebixxa dokumentazzjoni dwar il-hlas ta' paga, dikjarazzjonijiet *ai fini* ta' taxxa, formoli tal-FS3 u formoli ohra li normalment jigu provvduti lill-impjegat fil-kors tal-impieg tieghu u mat-terminazzjoni tal-impieg. L-intimat wieghed li kien ser jipproduci dawn il-formoli ghal darba, darbtejn, imma baqa' ma pproduca ebda dokument.

*Inoltre* filwaqt li l-attur isostni li ma kienx jinghata *payslips,* meta kien jithallas ta' xoghlu, l-intimat jghid li dan mhux minnu. Anzi jghid li fl-ahhar tas-sena l-impjegati kienu jigru warajh biex jghaddilhom il-formoli sabiex ikunu jistghu jimlew il-formoli tat-taxxa taghhom. Izda prova ta' dan ma ngabitx.

Fil-kaz odjern, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur, anke a bazi tal-iskorta tal-gurisprudenza citata, li jinkombi fuq l-intimat il-piz tal-prova li l-attur kien jaf li ma kienx qed jikkuntratta mal-konvenut personalment. Izda ma hemmx ghalfejn li dan jigi ndikat mill-intimat espressament jekk jista' jipprova li *"il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor."* ("**Frank Cilia noe vs Charles Scicluna**" fuq citat.)

Il-kawza odjerna hija ghal kwantu fqira fil-provi dokumentarji esebiti u jidher pjuttost li l-arrangament li kien addottat bil-kuntentizza taz-zewg partijiet kien ta' hlas fuq *cash basis* peress li ma gewx prodotti l-ebda dokumentazzjoni formali, la minn naha u lanqas mill-ohra, rigwardanti l-hlas ta' paga, ad esz. *payslips, formoli tal-FSS u/jew ricevuti ta' hlas,* u wisq inqas ma gew prodotti dokumenti kontrassenjati mill-impjegat u mill-*employer* dwar sieghat ta' xoghol u rendikonti perjodici tas-sieghat,

paga, u hlasijiet. Dan minkejja li l-intimat xehed li meta l-attur telaq mill-ewwel impieg tieghu "*tajtu rendikont tal-hlasijiet li kien rcieva matul l-ewwel impjieg flimkien ma' karti ohra li kellu bzonn sabiex jahdem ..cioe`, termination form tal-ETC u jidhirli wkoll xi dokumentazzjoni dwar FSS".* Dwar it-tieni impieg, l-intimat afferma wkoll li "*Eugenio Lama kien jircievi payslips u FS3 forms bhalma kienu jircievu ohrajn"* izda lanqas kopji ta' dawn ma gew esebiti. Wiehed kien jistenna li galadarba l-intimat kellu *accountant* u segretarja li kienet tahdem *part time* fir-*restaurant*, kien ikollu kopji ta' dawn id-dokumenti ghad-disposizzjoni tieghu. Izda dawn ma gewx prodotti.

L-uniku dokument prodott (apparti dak tas-Sigurta` Socjali) li l-Qorti tista' taccetta bhala ammissibbli u prova tal-kontenut tieghu huwa proprju l-*employment history* rilaxxjat mill-ETC dwar l-impieg tal-attur. Id-dokcumenti l-ohra prodotti mill-attur mhumiex iffirmati u gew redatti *ex parte* u ma jikkostitwux prova tal-kontenut taghhom skont il-Ligi.

Jirrizulta li meta gie biex jigi ngaggjat ghat-tieni perjodu, l-istess attur kien ga inghata *termination form* relattivament ghall-ewwel perjodu ta' impieg tieghu, fejn kien hemm indikat li l-*employer* tieghu kienet kumpanija bl-isem *Allegro Andante Limited*.

L-attur *tramite* d-difensur tieghu, issottometta li "*mhux bizzejjed li l-konvenut jghid li l-impjegati tieghu kienu jinghataw il-formoli kollha fejn kien hemm indikat li l-isem ta' l-employer kien Allegro Andante Limited u mhux il-konvenut personalment."*

*Inoltre* ssottometta li l-intimat ma ressaq ebda formola ta' tmiem l-impieg u fid-dawl tan-nuqqas tieghu li jressaq id-dokumenti li wieghed li kien ser jipproduci fil-kawza "*huwa improbabbli li l-attur kien qieghed jinghata l-formoli kollha bid-dettalji ta' min kien qed jimpjegah."*

Dawn is-sottomissjonijiet ghandhom mertu taghhom izda fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li hija improbabbli li l-atur ma kienx jaf, jew messu kien jaf min

kien qed jimpjegah. L-impjegat  mhux biss jinghata formoli ta' ingagg u terminazzjoni, imma jircievi notifikat mill-ETC li dawn il-formoli gew registrati maghhom, bid-dettall anke dwar l-*employer.* Isegwi ghalhekk li l-fatt li l-attur iffirma formoli ta' ingagg u ta' terminazzjoni ta' impieg hija pprovata mid-dokument li esebixxa hu stess tal-ETC. Li kieku ma ffirmax dawn il-formoli, l-ETC ma kinetx tirregistra l-ingagg u terminazzjoni tal-impieg tieghu kif fil-fatt se. Inoltre, l-attur zgur isir jaf min hu l-employer tieghu mhux biss minn dawn il-formoli li jinghatawlu ghall-firma, imma wkoll mill-karti li jintbaghtulu mill-ETC u f'dan il kaz, bil-fors kien jaf li l-*employer* tieghu kienet il-kumpanija *Allegro Andante Limited.* Jekk dan il-fatt sfuggietlu meta iffirma  l-ewwel formola ta' ingagg, zgur kien jaf bih meta rcieva l-*acknowledgment* tar registrazzjoni mill-ETC u meta gie biex jimpjega ruhu t-tieni darba (u allura kien gja rcieva kopja tal-*employment form,* u tat-*termination form* tal-ewwel perjodu ta' impieg tieghu). Huwa dahal jahdem fl-istess *restaurant* u allura  wiehed ragjonevolment jistenna li kien jaf li kien qed jidhol f'impieg mal-istess *employer.*

*Inoltre* r-rwol tal-attur fir-*restaurant* ma kinetx limitata biss ghal xoghol fil-kcina. Jirrizulta mhux kontradett li sahansitra kien qatta' perjodu jabita fl-ambjenti tar-*restaurant* meta dahal jahdem l-ewwel darba f'mument meta kellu problemi personali. Kien iqatta' sieghat shah fir-*restaurant oltre* s-sieghat ta' xoghol. Difatti l-kaz odjern jikkoncerna relazzjoni bejn zewg kontraenti li kienet ipperdurat fuq medda ta' snin. Kellu c-cwievet tar-*restaurant* u fit-tieni ingagg spicca jokkupa rwol ta' *capo squadra* fejn l-involviment tieghu kien fis-sala pjuttost milli fil-kcina.[4] Kien midhla tar-*restaurant*, kien midhla tan-negozju u skont ix-xhieda tal- intimat, mhux kontradetta, midhla wkoll tas-sitwazzjoni partikolari tal-kumpanija. L-intimat xehed li  "*Eugenio Lama ma seta' kellu qatt dubju li l-impieg tieghu kien mas-socjeta' Allegro Andante Limited, u mhux mieghi personali. Kien jaf l-istorja kollha mill-bidu sal-ahhar dwar kif inbdiet il-kumpanija flimkien ma' persuna ohra li mbaghad cediet sehemha, u dan*

[4] Xhieda tal-intimat.

*apparti mill-fattur ovvju li kien rikjest almenu erba' darbiet li jiffirma formoli tal-bidu u tmiem tal-impjieg tieghu."*

Hija ghalhekk improbabbli t-tezi tal-attur li ma kienx jaf li l-*employer* tieghu kienet is-socjeta' *Allegro Andante Limited* tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha. Mill-formola tal-ETC esebita jidher li ma kienx novizz fid-dinja tax-xoghol u kien impjega ruhu ma' diversi kumpaniji tul is-snin qabel ma' dahal mas-socjeta` *Allegro Andante Limited.* Din tal-ahhar kienet wahda fost hafna kumpanniji  li impjegawh u mhux verosimili li ma kienx jaf id-differenza bejn kontraent personali u kumpanija.

Sfortunatament din il-kawza giet tentata hazin mill-bidu nett u d-diffikoltajiet li rriskontra l-attur setghu jigu facilment evitati bi ftit prudenza li hija solitament mistennija meta xi hadd jiftah proceduri litigjuzi. Il-konsegwenza zgur m'ghandhiex tkun li minhabba din l-imprudenza, ghandu ghalhekk jitghabba l-intimat b'responsabbilta' personali ghat-talbiet attrici meta jirrizulta li r-rabta kontrattwali ma sehhitx mieghu personalment. Il-Qorti mhiex konvinta li l-attur, fic-cirkostanzi, ma kienx konsapevoli ta' dan, u jekk ma tax kaz, ghandu iwiegeb hu ghan nonkuranza tieghu. Persuna prudenti tfittex biex tgharraf min hu l-employer taghha, u fil-kaz odjern, l-employer kien registrat mill-bidu nett, minghajr habi,  bhala kumpanija, ghal liema inofrmazzjoni l-attur kellu access zgur, anke direttament bil-formoli tal-ETC.

Iz-zewg partijiet kienu kuntenti jgestixxu r-relazzjoni ta’ xoghol minghajr zamma ta' *records* formali u minhabba dan il-*modo da fare* kien hemm karenza ta' provi dokumentarji ohra li jistghu jikkonfortaw verzjoni jew ohra. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas fil-provi l-Qorti bilfors ikollha tistrieh fuq dak li xehedu oralment il-partijiet u tgharbel din ix-xhieda skont kriterji ta' kredibilita u verosimiljanza.

Fil-kamp civili, huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’

kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet.[5] Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili. (PA(NC) "***Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et"***[6]).

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-konvenut hija iktar verosimili u attendibbli u ghalhekk qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad** it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu pretizi kontra l-intimat personalment.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace*** *[1986] Vol.LXX.II.144*

[6] Deciza 28 April 2004